**KNISJA TA' SANTA MARTA TAL-GHONQ, VICTORIA. GĦAWDEX**

**IL-KWADRU TITULARI ta' SANTA MARTA RESTAWRAT**

**Kitba ta' Betty Bugeja**

Fil-11 ta' Novembru 2016, il-kappella ta' l-Għonq Rabat Għawdex, dedikata lil Santa Marta, fakkret il-150 sena mill-ftuħ u tberik tagħha. F'din is-sena 2017, il-wadru titulari ta' din il-kappella jagħlaq 150 sena minn meta tpitter. Bħala tifkira dejjiema ta' dawn il-ġrajjiet, ir-Rettur preżenti, il-monsinjur Giovanni Bosco Cremona, ħeġġeġ lin-nies li jattendu f'din il-kappella sabiex jibdew jinġabru fondi biżżejjed biex isir xogħol ta' restawr fuq il-kwadru titulari ta' din il-kappella.

Dan il-kwadru kien tpitter fis-sena 1867 mill-pittur Bormliż Pawlu Cuschieri. Fin-nofs tal-kwadru fin-naħa ta' fuq tiddomina l-Madonna tal-Karmnu bilqegħda b'Ġesù bambin f'ħoġorha. Fuq ix-xellug jidher anġlu bit-tromba, li qed isejjaħ lill-mejtin mill-oqbra  Fuq il-lemin tidher Santa Marta li qed titlob lill-Verġni Santissima biex teħles lill-erwieħ mill-pwieni tal-Purgatorju u twassalhom fil-Ġenna.

Il-kundizzjoni ta' dan il-kwadru, pittura biż-żejt fuq it-tila, kienet miżera u teħtieġ xogħol ta' restawr. Għalhekk, il-Ġimgħa 18 ta' Marzu 2016 saret laqgħa fil-kappella bejn ir-rettur il-monsinjur Giovanni Bosco Cremona u s-sur Pierre Bugeja.  Is-sur Bugeja ħa xi ritratti tal-kwadru u wara li għamel studju tax-xogħaol li jrid isir bagħat stima ddettaljata tal-ispejjeż involuti, li laħqet is-somma ta' €2,950.00.

Minnufih beda jsir appell għal-ġbir tal-fondi finanzarji meħtieġa. In-nies devoti ta' Santa Marta dlonk bdew jikkoperaw u sal-lum (Frar 2017) id-donazzjonijiet għal dan ir-restawr laħqu s-somma ta' €1,110.00. Sadanittant l-appelli tar-Rettur għal aktar donazzjonijiet, ta' kull nhar ta' Ħadd ma naqsux u nfatti l-Ħadd 28 t'Awwissu 2016, wara l-Quddiesa s-sur Joseph Farrugia minn tas-Sliema għoġbu ġentilment joffri s-somma ta'

€3,000.00 għar-restaqwr tal-kwadru titulari. Hekk il-fondi meħtieġa ġew miġburin kollha.

Għalhekk nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ottubru 2016 is-sur Pierre Bugeja, mgħejjun minn missieru Mario Bugeja tal-kumpanija Prevarti, ġew ħadu l-kwadru fil-laboratorju tagħhom fil-Mosta, fejn kellu jsir ix-xogħol ta' restawr meħtieġ.

Nhar it-Tlieta 14 ta' Frar 2017 il-kwadru restawrat reġa' nġab lura u tqiegħed f'postu fuq l-altar tal-kappella ta' Santa Marta tal-Għonq mill-imsemmija Pierre u Mario Bugeja.

Il-Ħadd 19 ta'Marzu 2017 wara ħdax-il xahar li konna bdejna naħsbu għal din il-biċċa xogħol, saret iċ-ċerimonja sinifikanti tal-kxif u tberik tal-kwadru restawrat ta' Santa Marta. Il- kwadru ġie mikxuf mill-benefattur is-sur Joseph Farrugia u tbierek mir- rettur il-monsinjur Giovanni Bosco Cremona, filwaqt li is-sur Pierre Bugeja li restawrah kellimna dwar ix-xogħol ta' restawr li għamel fuq il-kwadru.

Kliem ta' radd il-ħajr lil dawk kollha li b'tant ġenerożità taw l-offerta tagħhom biex stajna nirrestawraw il-kwadru ta' Santa Marta. Iżda b'mod partikolari lis-sur Joseph Farrugia li offra s-somma ta €3,000. Hajr ukoll lis-sur Noel Formosa, sindku tar-raħal ta' San Lawrenz li permezz tiegħu sirna nafu lir-restawratur, is-sur Pierre Bugeja li minn hawn nagħtuh PROSIT tax-xogħol professjonali li wettaq fuq il-kwadru titulari ta' Santa Marta, meqjum b'tant għożża fil-kappella tal-Għonq tar-Rabat Għawdex.

– 0 – 0 – 0 –